**29 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Avukat Rene' Frendo Randon *noe*

*versus*

Albert Walter Salomone *noe et*

**Konkorrenza Żleali - Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjeta' Industrijali - Il-Kawżali fiċ-Ċitazzjoni**

*L-azzjoni ta' konkorrenza żleali hija distinta mill-azzjoni li tirriżulta mill-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjeta' Industrijali.*

*Fil-Liġi tal-Proċedura hu meħtieġ li l-kawżali tkun espressa fiċ-ċitazzjoni b'mod ċar u sewwa. Dan ir-rekwiżit hu neċessarju fl-interess tal-kontro-parti biex dina tkun tista' tiddefendi ruħha. Meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi, dan iġib sitwazzjoni fejn il-konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax il-konvenut ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali a fol. 18 u tal-konvenut Salomone a fol. 26;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni;

Il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Salomone;

Il-konvenut Salomone eċċepixxa li "l-azzjoni attriċi kif promossa hija irritwali stante li l-attur ma jistax jippromwovi azzjoni a bażi ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ in relazzjoni ma' allegat att ta' konkorrenza żleali u fl-istess waqt jitlob iċ-ċaħda magħmula mis-soċjeta' konvenuta għar-reġistrazzjoni tal-marka msemmija fiċ-ċitazzjoni a bażi tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali u dan billi ż-żewġ azzjonijiet kemm fin-natura u kemm fl-effett huma distinti u separati. Di piu l-attur meta jittenta azzjoni jrid jagħżel triq waħda u ma jistax jirpoża fuq żewġ azzjonijiet distinti u jħalli lill-Qorti tagħżel u tapplika dik korretta;

Illi mill-premessi taċ-ċitazzjoni jirriżulta li ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata in segwitu għall-applikazzjoni tal-konvenut Salomone *nomine* biex tiġi rreġistrata f'Malta *Trade Mark* PACO LIFE IN COLOUR. Il-proċedura li ntużat hija dika ta' l-*Industrial Property Ordinance* Kap. 29, biex l-attur jopponi r-reġistrazzjoni ta' l-istess *trade mark* a bażi ta' l-artikolu 81 imbagħad fl-aħħar paragrafu qabel id-domandi tiegħu l-attur inkluda kawża oħra dwar konkorrenza żleali a bażi ta' l-artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerċjali) fl-ismijiet **Avukat Dr. Pio Valletta *noe vs* Peter Muscat Scerri** tal-15 ta' Frar, 1995 fejn dika l-Qorti daħlet fil-fond fid-distinzjoni bejn l-azzjoni ta' konkorrenza żleali u l-azzjoni li tirriżulta mill-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjeta' Industrijali, u fejn qalet li dawn huma żewġ azzjonijiet li m'għandhomx jiġu konfużi bħal li kieku kienu rimedju wieħed. L-iskop taż-żewġ azzjonijiet huwa differenti;

Fil-liġi tal-proċedura hu meħtieġ li l-kawżali tkun espressa

fiċ-ċitazzjoni b'mod ċar u sewwa. Dan ir-rekwiżit hu neċessarju fl-interess tal-kontro-parti biex din tkun tista' tiddefendi ruħha. Meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta' l-azzjoni odjerna, dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax il-konvenut ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas ma hu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur;

Dan juri li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi *ab initio* la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara nulla ċ-ċitazzjoni u konsegwentement tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

Bl-ispejjeż għall-attur.